Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,212, 26 ta' Marzu, 2024

Taqsima B

A.L. 75 tal-2024

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli tal-2024 dwar il-Metodi għall-Identifikazzjoni ta' Equidae

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7, 8, 9 u 34 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2024 dwar il-Metodi għall-Identifikazzjoni ta' Equidae.

(2) L-għan ta' dawn ir-regoli hu li jimplimentaw ir-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (Regolament dwar il-Passaport Ekwin).

(3) Dawn ir-regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regoli, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 437.

"Att" tfisser l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji;

"Dipartiment" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Regolament (UE) 2015/262" tfisser ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/262 tas-17 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli skont id-Direttivi tal-Kunsill 90/427/KEE u 2009/156/KE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (Regolament dwar il-Passaport Ekwin), kif fis-seħħ minn żmien għal żmien.

(2) Sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra, kliem u frażijiet użati f'dawn ir-regoli li ma humiex imfissra hawnhekk, għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fir-Regolament (UE) 2015/262 u fl-Att.

Awtorità kompetenti.

3. Għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2015/262 id-Dipartiment għandu jkun l-awtorità kompetenti.

Taqsima IX tal-Att.

4. Bla ħsara għal kwalunkwe setgħa jew responsabbiltà oħra

skont il-liġi u għall-applikazzjoni tagħha fi kwalunkwe mod ieħor skont il-liġi, it-Taqsima IX tal-Att għandha tapplika wkoll *mutatis mutandis* għal dawn ir-regoli.

Reati u pieni.

5. (1) Bla ħsara għar-regola 4, kwalunkwe persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regoli jew kwalunkwe obbligu skont dawn ir-regoli, jew li tikser xi dispożizzjoni tar-Regolament (UE) 2015/262, jew tfixkel lil xi persuna responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom, għandha teħel meta tinstab ħatja l-pieni stabbiliti fl-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregola (1), il-Qorti tista' tordna wkoll lil kwalunkwe persuna li tinstab ħatja ta' reat, sabiex tħallas għall-ispejjeż inkorsi mill-awtorità kompetenti u d-Direttur tas-Servizzi Veterinarji b'riżultat tal-imsemmi reat, kif ukoll ir-revoka ta' kwalunkwe permess jew ċertifikazzjoni maħruġa skont dawn ir-regoli u l-konfiska, iż-żamma jew il-qerda jew mezz ieħor ta' disponiment tal-annimali involuti.

Tħassir u riżervi.
L.S. 437.30.

6. Ir-Regolamenti dwar Dokument ta' Identifikazzjoni (Passaport) li jakkumpanja l-Equidae Reġistrati qegħdin b'dawn jiġu mħassra bla ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.